**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta tal-5 ta' Marzu 2001

Rikors numru 2331/00AJM

Kawza numru

Fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 5837/97 fl-ismijiet:-
Mid Med Bank Limited

Vs

FRM Holdings Limited.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat mis-socjeta' FRM Holdings Limited fl-24 ta'Ottubru 2000 li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi u dan in vista tal-fatt li kienet ingiebet garanzija bankarja numru 2000/23 mahruga mill-Lombard Bank (Malta) plc ghas-somma li ghaliha intalab il-hrug tal-imsemmi mandat.

Rat ir-risposta tas-socjeta' HSBC (Malta) plc (gia Mid Med Bank Limited) presentata fid-9 ta' Frar 2001 li permezz taghha opponiet it-talba tas-socjeta' rikorrenti u dana billi l-garanzija in kwistjoni ma hijiex

mahruga favur il-kreditur (cioe is-socjeta' li talbet il-hrug tal-imsemmi mandat) izda favur ir-Registratur tal-Qrati u billi ukoll l-istess garanzija ma tkoprixl-kreditu kollu mertu tal-kawza Citaz. Nru 2881/97) li ghaliha hemm referenza fl-istess garagzija.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Frar 2001 li permezz taghha s-socjeta' intimata irtirat it-tieni oggezzjoni taghha inkwantu l-ammont depositat jirrifletti l-ammont indikat fil-mandat fuq imsemmi. Fl-istess hin is-socjeta'intimata iddikjarat li ma ssib ebda oggezzjoni ghat-talba fir-rikors promotur kemm-l darba il-garanzija bankarja tigi sostitwita u intestata mhux lir-registratur tal-Qorti izda HSBC Bank (Malta) plc gia Mid Med Bank Limited.

Rat il-garanizija bankarja rilaxxata mil-Lombard Bank Malta plc in sostituzzjoni gha dik originarjament mahruga favur ir-Registratur tal-Qorti minn fejn jidher li r-rekwizit imsemmi fil-verbal fuq imsemmi gie sodisfatt billi issa din l-istess garanzija hija indirizzata favur "The Manager, HSBC Bank Malta plc" u ghalhekk a termini tas-subinciz (e) ta' l-artikolu 836(1) tal-Kap 12, it-talba tar-rikorrent tista' u ghandha tintlaqa'.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tordna ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 5837/97 u tordna l-hrug ta'l-opportun kontr mandat u dana billi ingiebet garanzija bizzejjed biex tissodisfa l-pretensjoni tas-socjeta' kreditrici kif imsemmi fl-istess mandat.

Spejjes bla taxxa.